# Funeral Ġarrabt, Ġo Moħħi

Emily Dickinson
*Traduzzjoni ta' Kevin Saliba*

Funeral ġarrabt, ġo Moħħi,
U n-Newwieħa 'l hemm u 'l hawn
Baqgħu jterrqu – iterrqu – sa ma
Donnu d-Dehen qabad jittertaq –

U xħin kienu lkoll bilqiegħda,
Servizz, bħal Tanbur –
Baqa' jħabbat, iħabbat – sa ma
Ħsibt li Moħħi ħabat jittarrax –

Imbagħad smajthom jerfgħu Kaxxa
U jżaqżqu ma' Ruħi kollha
B'dawk l-istess Stvali taċ-Ċomb, reġgħana,
Imbagħad l-Ispazju – qabad idaqqaq,

Bħalkieku s-Smewwiet kollha Qanpiena,
U l-Kewn, xejn għajr Widna,
U jien, u s-Skiet – xi Razza għariba
Nawfragu, sulu sulu – hawnhekka –

U mbagħad biċċa Planka fir-Raġuni, xpakkat,
U ġġarraft ’l isfel, u ’l isfel –
U ma’ kull tgħaddisa, ġo Dinja ħbatt,
U Waqaft inaf – imbagħad –